

# Xi Ħsibijiet ta' żmien l-Imgħoddi tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu Balluta



P.Dijonisju Attard O.Carm

Ninsabu fl-inħawi bejn tas-Sliema u San Ġiljan. Bajja żgħira pero' ħelwa u ramlija sewwa. F'din il-ħemda jinstemgħu t-tokki ta' l-Ave Marija mill-qniepen tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Sebaħ jum ieħor tal Ħadd, jum il-Mulej u jum ta' mistrieħ għal dawk il-ftit sajjieda li jgħixu f'dawn l-inħawi. F'dan il-jum żgur li kienu jiltaqgħu biex jgħidu xi kelma flimkien fil-pjazza tal-Balluta ħdejn is-siġar.

L-ewwel kappella lill-Madonna tal-Karmnu kienet mibnija mill-Fratelli tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta li kienet ta għajnuna spiritwali lis-sajjieda li kienu jgħixu fl-inħawi tal-Balluta u lil ħafna oħrajn li kienu jiġu għall-btala tas-sajf. Din il-Kappella kienet imtella' fl-għalqa tissejjaħ ta'Ljun u li kienet imħollija lill-Fratelli mis-sinjorina Madalena Cardona Rember E Re bħala legat taż-żwieġ. L-ewwel ġebla ta' din il-Kappella tqegħdet fil-21 ta' Novembru 1858, taħt il-ħarsien tal- Perit Ġuże' Bonavia u tbierket minn Mons. Vigarju Dr. Giuseppe Amato. L-Isqof G. Paceforno, fit-18 ta' Settembru 1859, ikkonsagra din il-Kappella u qaddes fiha. Din il-Kappella saret popolari ħafna u allura l-Fratelli ħasbu biex ikabbruha fuq pjanta tal-Perit G. Privitera. Fis-sena 1889 il-Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt raw u fehmu sewwa li kien meħtieg li jagħtu din il-Kappella lill-Patrijiet Karmelitani u hekk sar.

Għal din l-okkażjoni saret festa sabiħa li fiha ħadu sehem kbir ta' patrijiet u nies oħra magħrufa. Ir-Rettur tal-Fratelli, l-Avukat Vinċenz Pons, għamel diskors ta' merħba u ngħataw iċ-ċwievet tal-Kappella lill-Vigarju Provinċjal Patri Wiġi Malfatti.

L-ewwel patrijiet li marru San Ġiljan kien fl-1890 u kien: P. Anglu Mallia Pirjol, P. Avertan Said, P. Bert Grech u Fratell. Sakemm inbena il-Kunvent, il-patrijiet kienu joqogħdu f'dar fil-qrib ta'San Giljan. Il-pjanta tal-Kunvent saret mill-Perit Caldenn Trevisan. Billi l-Knisja kienet zgħira, fis-sena 1900, il-patrijiet kabbruha u għamlu faċċata ġdida bi stil gotiku u kor ġdid, taħt il-ħarsien tal-Perit E.L Galizia. Il-bini sar minn ħaddiema Sqallin.

Fil-Knisja kien hemm dawn l-artali, wieħed ta' San Ġuzepp u l-ieħor ta' Sant' Andrija protettur tas-saijjieda, kif ukoll wieħed ta' Sant'Antnin u l-ieħor tal-Kurċifiss li sar b' legat mill-Kavallier Ċensu Buġeja.

Fis-sena 1911 l-Arċisqof Dom Mauru Caruana kkonsagra din il-Knisja. Wara l-aħħar gwerra Dinjija billi San Ġiljan ma baqax biss post ta' villeġjatura iżda sar post residenzjali, il-Knisja reġgħet saret żgħira għall-popolazzjoni tal-Balluta. minn naħa l-oħra s-saqaf tal-Knisja sar difettuż u kien jidħol ħafna ilma, għaldaqstant il-Patrijiet iddeċidew li jibnu knisja gdida, kbira u sabiħa.

Megħluba l-problemi kollha , fl-10 ta' Diċembu 1957, beda l-qtigħ tal-blat, lesta l-pjanta mill-professur Joseph Colombo, aċċettata mil-lpmunita ' u mill-kunsill Provinċjal, ippreżentata lill-Arcisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi, fit-3 ta' Awissu 1958, giet imqegħda u mbierka l-ewwel ġebla mill-Patri Majjistru Karm Vella Provinċjal assistit mill-Komunità, mill-Pirjol Patri Dijonisju Attard O. Carm, u minn bosta reliġjuzi tal-Provinċja Karmelitana. Bħala tifkiriet tqiegħdu fit-tubu: il-Parċmina bil-kitba meħtieġa, id-domna tal-Madonna tal-Karmnu u d-domna tal-Papa Piju XII. It-tberik sar bil-ħaxixa tal-Karmnu tal-issopo li nġiebet mill-ġnien tal-Buskett tar-Rabat Malta.

Ix-xogħol tal-bini kien afdat f'idejn il-kuntrattur is-sur Joseph Micallef. Il-Knisja damet 20 sena biex tlestiet mill-istruttura tagħha. Il-Perit Joseph Spiteri segwa mill-qrib d-diversi dettalji li jitlob tempju ta' dan id-daqs u għamla.

Benefattriċi speċjali tal-knisja kienet is-Sinjorina Clotilde Diaconoo oħt Patri Karm Diacono O.



Carm.. Benefatturi oħrajn kienu: is-Sur Albert Gingell, is-Sinjorina Sammut u l-poplu kollu t'Alla.

Il-Knisja l-ġdida saret Parroċċa nhar is-16 ta' Ġunju 1974 meta l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, iddikjara l-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu Balluta bħala Parroċċà

**L-ewwel Kappillan kien P.Damjal Cachia O. Carm. 1974-1982, warajh:**

P. Leonardu Mahoney O. Carm. 1982-1985
P. Raymond Calleja O. Carm 1985-1994
P. Richard Falzon O. Carm 1994-1995
P. Joseph Falzon O. Carm 1995- 2006
P. Maurice Abela O. Carm 2006 -

Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja tal-parroċċa tal-Karmnu fil-Balluta saret minn Mons. Ġuzeppi Mercieca nhar it-12 ta' Diċembru 1984. Is-slaleb huma tal-knisja ta' qabel din prezenri. Il-Konsagrazzjoni ta' l-Artal Maġġur saret l-istess minn Mons. Guzeppi Mercieca nhar it-2 ta' Mejju 1988.

Il-Kappella ta' l-Adorazzjoni Perpetwa fil-Paroċċa tal-Madonna tal- Karmnu fil-Balluta saret nhar is-16 ta' Ġunju 2005 fil- 31 Anniversarju tal-Parroċċa mill-Kappillan P. Joseph Falzon O. Carm. It-titlu ta' din il-Kappella huwa: 'Ibqa' Magħna Mulej'. Il-Perit kien is-Sur Herbert Debono megħjun minn Fr. Jesmond Grech S.D.B. It-twieqi fil-Knisja huma xogħol tas-Sur Simon Camilleri minn tas -Sliema, dwal fil-knisja u fil-Kunvent kif ukoll instalazzjoni ta'18 Sunmjo Emergency Lights xogħol tas-Sur Stephen Gilson. Il-fidi tal-mezzanini 17 u 18 fi Triq il-Kbira San Ġiljan sar fix-xahar ta' Frar 1989 u b'hekk tkabbret il-Knisja l-ġdida, spejjeż ta' Lm1784.

**L-Istatwa Titulari**



Fil-15 ta'Novembru 1779 fl-Atti Tan-Nutar Francesco Bovio, sar ftehim bejn is-sur Pasquale Guido f'isem il- Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta, u l-iskultur Gennaro Reale f'ismu biex sa l-aħħar tax-xahar ta' Marzu 1780 jaħdem bl-akbar eżattezza u skond ir-regoli tal-professjoni, statwa tal-Madonna tal-Karmnu twila sebat ixbar u kwart, kollox skond il-mudell magħmul mit-tafal mill-istess skultur. Dan bil-prezz ta sebgħin ducat ta' Napli li minnhom l-iskultur, Ġennaro Reale, rċieva tmintax akkont u l-bqija kellu jirċevihom meta titlesta l-istatwa. Il-Fratellanza hallset lill-Kaptan tax-xini, Giacobo Burlo' Corribo, biex giebha minn Napli sa Malta fis-17 t' Settembru 1780 fuq xini ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

L-istatwa waslet Malta injam biss, mingħajr induratura u żebgħa, xogħol li sar mill-pittur J. Antonio Grech li kien jaħdem fil-Palazz tal-Gran Mastru gewwa Sant'Anton. Għall-induratura ħaduh għand Michele Galdes. Saru wkoll żewġ dijademi tal-landa iżda maħsulin bil-fidda, waħda għall-Madonna u l-oħra għall-Bambin. L-istatwa ħarget għall-ewwel darba fil-purċissjoni l-ħadd fost l-ottava tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1782. Ġiet imbierka bis-solenitata kollha u għall-okkażjoni ġiet esposta fl-oratorju tal-Konfraternita' fil-Belt Valletta.

Il-Konfraternta' fis-sena 1890 tawha lill-Patrijiet Karmelitani ta' San Ġiljan. Il-Patrijiet ma setgħu jippretendu xejn għall-manutenzjoni tal-Knisja pero' fost il-kundizzjonijiet mitluba mill-Konfraternita' nsibu, li ssir irħama kommemrattiva ta' din l-għotja fil-Knisja mill-patrijiet. Din l-irħama saret u tinsab fit-taraġ tal-Kunvent li jieħu għall-Knisja . Hekk hu 'L-kliem bil-Latin miktub minn Patri Pawl Gatt O. Carm :

NE CITO
MEMORIA DONATIONIS TERRAE 'LJUN'
HUIC COENOBO EXCITANDO A SODALITATE VALLETTANA
A.B.V MARIA DE MNTE CARMELO NUNĊUPATA
XI KAL JUN MDCCXCII
MAJORIBUS NOSTRIS BENIGNE FACTAE
MONUMENTUM HOC
GRATO ANIMO
ANO MCMLVII
PATRES POSUERE





Nhar it-22 ta' Mejju 1990 kienet ġurnata memorabbli li ma tintesa qatt għall-patrijiet Karmelitani tal-Balluta San Ġiljan, Dakinhar il-Patrijiet ċċelebraw għeluq il-mitt sena tal-miġja tagħom. Biex tigi mfakkra din il-ġrajja important saru tlitt ijiem tat-tħejjija mill-Pirjol tal-Belt, Patri Martin Schembri O. Carm., u dakinhar tat-22 ta' Mejju saret quddiesa kantata mill-Provinċjal Patri Leonardu Mahoney O. Carm flimkien mal-Komunita' tal-Balluta kif ukoll ma' diversi Patrijiet ta' Malta Dr. Vincent Tabone u s-Sinjura tiegħu. Wara l-quddiesa sar it-tberik tat-Triq il-Karmelitani mill-Kappilan Patri Raymond Calleja O. Carm. Wara sar korteo flimkien mal-Banda tal- Parroċċa sa quddiem il-Kunvent.

Fl-intrata tal-Kunvent ġew mikxufa żewġ lapidi ta'l-irħam biex ifakkru din il-ġrajja. Il-lapidi ġew mikxufa mill-President u mbierka mill-Provinċjal.

Fl-iskrizzjoni ta' kull lapida nsibu hekk: L-Ewwel Komunita' Karmelitana fil-Balluta 1890-1990. L-irħam hu xogħol tas-Sur Ronald Pisani minn tas s-Sliema.

Malli l-Patrijiet akkwistaw l-art, minnufih bdew jibnu l-Kunvent ġdid. Ħallsuh l-Kunventi tal-Belt u tal-Imdina. Meta kien lest għal kollox f'Mejju tal-1892, fid-29 istess xahar, il-Ġeneral tal-Ordni, Patri Luiġi Galli, bierek u fetah uffiċjalment il-Kunvent tal-Balluta San Ġijan.

Din is-sena sar il-Kapitlu Provinċjali u Patri Anġlu Mallia ġie kkonfermat bħala Pirjol tal-Kunvent il-ġdid. Ftit wara li ġie inawgurat bil-komunita' ġdida, gew mibgħuta wkoll xi kjeriċi studenti mill-Kunvent tal-Belt u għalhekk ilKunvent il-ġid beda jservi wkoll ta 'Kulleġġ għall-istudju.

**Opri fil-Knisja**

It-Twieqi ta' l-Istained Glass - Ditta GiulianiRoma.
Bankijiet- Ditta Joinwell
Kor- Ditta Joinwell
Via Sagra- Signore Direttore del Monte, Centro DOmus Dei, Roma.
Benefattur is-Sur Antonio Cassar (Marsovin)
Id-Ditta Joinwell għamlet ix-xogħol u d-dekorazzjonijiet.
Irħam- Is-Sr Ronald Pisani, Sliema
Il-Linef- Jean Marie Trading u saru Verona Italia
Qniepen Elettroniċi- Ditta TAljana
Madonna ta' Fatima- Ditta Portugiża
Pittura- Harry Alden
Bibien tal-Knisja- Sacco Brothers, Mqabba
Antiporti u Konfessjonarji- Debono Brothers, San Ġwann.
Il-ħadid tat-Twieqi ta' l-Istained Glass- kollha xogHol b'xejn tas-Sur John Camilleri, Sliema.
Il-Mant tal-Madonna - iżżanżan nhar id-29 ta' Lulj 2001. Il-ħjata saret mis-Sinjura Vivy Falzon waqt ir-Rakmu tad-deheb sar minn Fr. Martin Borg O.C.D
L-Angli- xogħol is-Sur Alfred Camilleri Cauchi

Biex sar dan kollu ħa ħsieb Patri Victor Enriquez O. Carm. Ħlas mid-Devoti tal- Madonnatal-Karmnu għas-somma ta' Lm12,733.

It-twieqi tal-Istained Glass tal-Kor saru mid-Ditta Giuliani Roma fl-20 ta' Jannar 1976 ġew imbierka mill-Provinċjal Patri Justin Sant O. Carm. waqt li t-twieqi ta'l-Istained Glass fillKnisja ġew imbierka mill-Provinċjal Patri Sandro Vella O. Carm fit- 12 ta' Diċembru 2007.





Il-Bankun tal-Istatwa sar mis-Sinjorina Guża Mallia Ix-xogħol hu tas-Sur Carmel Mangion mill-Ħamrun. Dan il-Bankun għandu tmien statwi maħduma mis-Sur Alfred Camilleri Cauchi fis-17 Awissu 1993.

In-niċċa ta' Ġesu Nazzerenu saret fil-25 ta' Marzu 1993 u ħallsu għaliha is-Sinjuri Franġisku u Connie Chetcuti. Ix-xogħol hu tas-Sur Anthony Spiteri minn Santa Venera.

In-niċċa tal-Madonna- Hi xogħol ukoll tas-Sur Anthony Spiteri u saret fit-8 ta' Diċembru 1984

Wieħed u għoxrin sena ilu, nhar id-29 ta' Settembru 1987, twaqqfet is- Soċjeta Mużikali tal-Karmnu fil-Balluta. Huma diversi d-dati memorabbli tas-Soċjeta'. Ċertament id-data ta'nhar l-Erbgħa tas-26 ta'Ġunju 1996 hija miktuba b'ittri kbar tad-deheb fl-Istorja tas-Soċjeta u tinsab f'qalb ta' dawk kollha li kienu preżenti. Il-Banda tas-Soċjeta Mużikali tal-Karmnu tal-Balluta, immexxija mill Kumitat ta' dak iż-żmien, hija l-ewwel banda Maltija li daqqet fil-Vatikan fis-Sala Papa Pawlu VI, fil-preżenza tal-wisq maħbub il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. Din l-akbar ġrajja li llum u fil-ġejjieni tagħmel l-Istorja ta'din is-Soċjeta l-akbar ġrajja u mill-aktar importanti fost il-baned Maltin u Għawdxin huma parti mill-istorja ta'pajjizna fil-qasam kulturali.

Il-Prokuraturi tal-Festa għal ċertu żmien:

**Patri Bernard Farrugia** - F'dan iż-żmien il-festa, billi kienet il-gwerra dinjija, kienet ristretta ħafna, bi ftit anterjoli fil-Bajja tal-Balluta u festuni ta' dwal flimkien mal-weraq tal-liedna. Il-faċċata tal-Knisja kienet tkun għall-ewwel bil-lampi biż-żejt imbagħad bl-elettriku.

**Patri Tonin Vidal** - Kien hu li waqqaf l-ewwel kumitat tal-festa u bdew siru l-fieri quddiem il-Kunvent. F'dan iż-Żmien il-Festa bdiet tieħu xejra aħjar.

**Patri Serafin Abela**- Issa l-Festa ħadet żvolta sewwa 'l quddiem, saru bandalori ġodda bil-Qaddisin Kametlitani fil-Bajja tal Balluta fuq disinn tas-Sur Carmelo Natoli. Saru wkoll disinji sbieħ għal Triq il-Kulleġġ l-Antik.



**Patri Raymond Calleja**- il-Festa ħadet żvolta sewwa verament kbira billi kien jagħti ruħu u ġismu għall-festa. Bħala ajjutanti nsibu lil Manwel Sultana, Robbie Cassar, Charles Hili u Duminku Cachia.

Illum bħala Prokuratur tal-Festa għandna l-Kappillan Patri Maurice Abela saċerdot ħabrieki u ta'eżempju.

Il-Poplu t'Alla u l-Komunita' Karmelitana tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta fil-preżenza ta' l-E.T. Mons Ġużeppi Mercieca, l-Arċisqof Emeritus ta' Malta, fakkar il-50 sena ta' meta, fit-3 ta' Awissu1958, tqiegħdet u tbirket l-ewwel ġebla mill-Provinċjal Patri Majjistru Karm Vella O. Carm. u meta Patri Dijonisju Attard O. Carm. kien Pirjol.